**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 176/2024**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**ELENA GULIA illum GAUCI**

**u**

***Omissis***

## Illum, 6 ta' Marzu 2024

## Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **ELENA GULIA**, nee' Gauci, ta' nazzjonalita' Maltija, imwielda Pieta', nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu 1988, residenti gewwa 25, Triq Marina, Kalkara u detentriċi ta' karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 0395288M u *Omissis*, li ġew akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, bejn Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda,

1. Għamlu atti ta' *money laundering,* billi:-

i. ikkonvertew jew ittrasferew propjeta' meta kienu jafu jissuspettaw li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali,għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-origini tal-propjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew involuti jew koncernati f'attivitaa kriminali;

ii. Ħbew jew wrew ħaga b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta, meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprejta' tkun inkiesbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

iii. Akkwistaw, kellhom fil-pussess tagħhom, jew użaw propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta' kienet inkiesbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

iv. Bir-ritenzjoni mingħajr skuza raġjonevoli ta' propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta' inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

v. it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i),(ii),(iii), u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aggixew bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i),(ii),(iii),(iv) u (v) hawn fuq imsemmija;

2. kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta

**Lil Elena Gulia waħedha talli**;

3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, f'Malta assoċjat ruħha ma’ xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

4. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi , f’Malta, mingħajr awtorizazzjoni, zvelat xi password, jew kull mod ieħor ta’ dħul jew tagħrif ieħor dwar kif issir id-dħul lil persuna tagħha jew bi preġudizzju ta’ terzi, jekk il-posizzjoni tagħha ta’ impjegata, kemm vera jew fittizja, tkun għamlitha faċċli għaliha li tagħmel dan ir-reat u dan għad-detriment ta’ **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra;**

5. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdiet b’qerq ieħor jew ingann, jew billi wriet ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq haddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta’ aktar minn ħamest’elef Ewro (€5,000) a detriment ta’ **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra**;

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, approprjat ruħha, billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir użu minnha specifikat u cioe’ s-somma ta’ aktar minn ħamest’elef Ewro (€5,000), għad-detriment ta **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra,** liema somma ġiet ikkunsinnata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depozitu neċċessarju;

7. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li tagħmel, taħbi jew turi

ħaġa b'oħra dwar xi reat, ħolqot jew uzat xi fattura jew xi dokument jew record ta' kontabilita' ieħor li jkun fih informazzjoni falza jew mhux kompleta jew ommettiet b'mod mhux leġġittimu milli tirreġistra xi ħlas u dan għad detriment ta' **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra;**

8. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kellha fil-pussess tagħha d-droga Kokajina speifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinietx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifatura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN202/1939) kif sussegwetement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinietx għall-użu esklussiv tagħha;

9. kif ukoll talli fit-tieni (2) jum ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), naqset milli tħares xi kondizzjoni mposta fuqha wara li hi nħelset mid-detenzjoni hekk kif ordnat mill-uffiċjal tal-kustodja;

**Lil -*Omissis*- waħdu talli;**

10. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, f'Malta assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

11. talli fl-istess żmien, lok u u ċirkostanzi, f'Malta rrenda ruħu kompliċi, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz,

jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgħa fuq haddieħor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta' **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra**, liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest'elef Ewro (€5,000);

12. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi , f'Malta rrenda ruħu kompiċi, billi dawwar bi profit jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn ħamest'elef Ewro (€5,000), għad-detriment ta' **Tipico Group Limited (C75334,) Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra,** liema somma ġiet ikkunsinnata minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ , amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċċessarju;

13. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom, jew imexxihom;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna ordni ta' Qbid u Iffriżar u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputati milli jitrasferixxu ,jwiegħedu, jipotekaw jew jbiddlu jew jiddisponu minn kwalunkwe propjeta' immobbli jew mobbli li tkun proprjeta' jew inkella mizmuma minnha ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita' Kap.621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-

pieni stabbiliti fil-Liġi u b'żieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti, tal-*corpus delicti* u l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex issir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-propjeta' kollha tal-imputat fit-termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 kif ukoll Artikoli 23 u 23B tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni mogħtija mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Marzu 2021 għall-fini tal-artikolu 3(2A)(a) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373) fejn ġie ordnat li l-imputata, Elena Gulia, titressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex twieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tagħha għall-ksur tal-provvediment tal-istess Att;

Rat l-Ordni mogħtija mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Marzu 2021 għall-fini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), fejn ġie ordnat li l-imputata, Elena Gulia, titrssaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex twieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tgħha għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat illi fil-preżentata fl-24 ta' Marzu 2021, intlaagħet it-talba tas-soċjeta' Tipico Limited biex tiġi ammessa fil-proċeduri bħala l-parti offiża a tenur tal-artikolu 410(5) tal-Kap. 9;

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkużi[1] u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata u lil *Omissis* waqt l-eżami jwieġbu mhux ħatja;

---

[1] Akkuzi kif korretti, 29 ta' Marzu 2021.

Rat illi fis-17 ta’ Frar 2023, l-Avukat Ġenerali, bis-saħħa tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u tal-Artikolu 3(2A)(b)(ċ) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373) ordna illi Elena Gulia u *Omissis* jiġu proċessati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tagħhom għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza u Att;

Rat illi l-Avukat Ġenerali fis-17 ta’ Frar 2023, bagħat lura l-atti sabiex tiddeċiedi fuq l-akkużi taħt dak li hemm maħsub:-

**Fil-konfront ta’ Elena Gulia u *Omissis* flimkien**:-

1. Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Fil-konfront ta’ Elena Gulia waħedha**:-

1. Fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 337C u 337F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3 Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 121B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6 Fl-artikolu 355AL tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta’ *Omissis* waħdu**:-

1. Fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 42, 43, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 42,43, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru 2023 mis-S.T.O il-Prim'Imħallef li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Semgħet lill-partijiet kollha jeżentawha milli terġa' tisma' x-xiehda li xehdu quddiemha meta kienet diversament preseduta;

Rat il-provi, ix-xhieda u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-rikors konġunt ippreżentat mill-Avukat Ġenerali u l-imputata Elena Gulia fid-19 ta' Frar 2024 għall-fini tal-artikolu 392A(5) tal-Kap. 9;

Spjegat lill-imputata fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024, bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tagħha jekk din tintlaqa';

Semgħet lill-imputata fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024 tirreġistra ammissjoni u tiddikjara li hija ħatja tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tagħha;

Semgħet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tagħha anke wara li ġiet imwissija bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u wara illi kkonċeditilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex terga' tikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom, il-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni tal-ħtija u l-piena erogabbli.

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024 fejn ġie ordnat is-separazzjoni tal-proċeduri bejn l-imputat u *Omissis* b'dan li l-proċediment fil-konfront tal-imputata jitmexxa u jiġi deċiż separament mill-proċediment fil-konfront ta' *Omissis*;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9 fiż-żewġ okkazzjonijiet meta ġiet reġistrata ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha.

L-akkużi jikkonċernaw tlieta u ħamsin (53) transazzjoni li saru bejn il-31 ta' Ottubru 200 u t-22 ta' Frar 2021, mill-imputata Elena Gulia, li dak iż-żmien kienet impjegata minn Tipico Limited, kumpannija li topera fil-qasam tal-*online gaming*. Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta illi bis-saħħa ta' dawn it-transazzjonijiet, l-imputata, permezz tal-aċċess li kellha għall-finanzi tal-kumpannija fir-rwol tagħha ta' PSP Specialist, ittrasferiet is-somma totali ta' €206,871.04 mill-fondi tal-kumpannija għal ġewwa żewġ kontijiet bankarji. Dan seħħ bl-użu da parti tal-imputata tal-aċċess li kellha għas-sistema ta' World Pay, wieħed mill-*payment providers* (PSP) li joffri lill-kumpannija sistema li tippermettilha tħallas lil dawk il-klienti tagħha li jitolbu jiġbdu flejjes ġejjin minn rebħ fuq logħob *on-line*, mill-kont tagħhom mal-kumpannija. L-imputata kienet toħloq transazzjoni fittizja fis-sistema, bid-dettallji tal-pagament u tal-benefiċjarju, tapprovaha biex din tidher li hija leġittima, u in segwitu kienet titlob lil xi ħadd mill-kollegi fit-tim tagħha biex jivverifikaw it-transazzjoni u jerġgħu japprovawha separatament, in linea mal-proċedura tal-kumpannija li kienet tesiġi sistema doppja ta' approvazzjoni, minn żewġ utenti separati, għall-eżekuzzjoni ta' kull transazzjoni għall-ħlas. Minn eżami tal-messaġġi diġitali li ntbagħtu mill-imputata fuq is-sistema interna tal-kumpannija ('*Slack*') in konnessjoni mat-transazzjonijiet

illeċiti[2], jirriżulta li hija kienet tintervjeni fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni billi tassigura lill-kollegi li tkun talbithom jikkonfermaw it-transazzjoni, li m'hemmx bżonn jirrievdu t-transazzjoni għaliex diġa' vverifikat kollox hi stess u kull ma kien jonqos it-timbru tal-approvazzjoni tagħhom. Filwaqt illi l-ismijiet tal-benefiċjarji tat-transazzjonijiet kienu tassew ismijiet ta' klienti tal-kumpannija, mill-investigazzjonijiet irriżulta illi l-fondi dejjem ġew imħallsin fl-istess żewġ wallets tal-bank Revolut, wieħed minnhom bin-numru LT683250050669489884 intestat lilha li fih ġie trasferit is-somma totali ta' €157,069, u l-ieħor bin-numru LT043250078014327058 intestat lil *Omissis* fis-somma komplessiva ta' €49,802.

Il-kumpannija saret taf b'dan il-frodi meta l-imputata, minn jeddha, f'*email* li bagħtet lil Maria Micallef fit-23 ta' Frar 2021, ġibdet l-attenzjoni tas-superjuri tagħha għall-fatt li kienet serqet ammont ta' flus mill-kumpannija. Kienet ukoll l-imputata nnifisha li żvelat din l-illegalita' lill-Pulzija meta minn jeddha marret tirrapporta inċident ta' vjolenza domestika.

L-imputata fl-istqarrija tagħha tat-22 ta' Frar 2021 ammettiet li l-flus li ttieħdu mill-kumpannija kienu jiġu trasferiti direttament fil-kont Revolut tagħha u fil-kont Revolut ta' *Omissis* u ittrasferiet permezz ta' diversi transazzjonijiet ammonti minn dan il-flus li ttieħed illegalment mill-kumpannija, mill-kont Revolut tagħha għal dak ta' *Omissis*, transazzjonijiet li del resto ilkoll jidhru fl-istatements ta' Revolut esebiti fl-atti proċesswali. Stqarret ukoll li użat il-flus għall-akkwist ta' diversi ħwejjeġ inkluż droga.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha għall-akkużi <u>kollha</u>, inkluż għalhekk, ir-reati ta' ħasil tal-flus, frodi, misapproprjazzjoni kif ukoll użu ħażin tal-kompjuter u pussess tad-droga kokajina[3].

[2] Parti mir-rapport Dok. MM.
[3] Ara korrezzjoni fl-akkuża bin-numru tmienja (8), milqugħa b'digriet tad-29 ta' Marzu 2021.

Madanakollu, il-Qorti minkejja l-ammissjoni tal-imputata għall-akkuża dwar ir-reat tal-pussess tad-droga kokajina, ma tistax issiba ħajta ta' dan ir-reat. L-imputata rreġistrat ammissjoni fi stadju ferm avvanzat tal-proċess, in segwitu għall-ħruġ tal-kontro-ordni tal-Avukat Ġenerali u wkoll wara l-Prosekuzzjoni kienet ressqet il-provi kollha in sostenn tal-akkużi. Mill-ġabra tal-provi tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma riskontrat ebda prova li l-imputata instabet fil-pussess tad-droga kokaijina, tant illi fl-atti m'hemm esebit ebda sustanza li jirriżulta li hija kokajina. Aktar minn hekk, l-unika prova proċesswali dwar il-pussess ta' sustanzi illeċiti mill-imputata hija s-sejba ta' 3.68 gramma ta' reżina tal-kannabis fir-residenza tagħha ġewwa 25, Triq Marina, Kalkara, iżda din is-sostanza evidentement tifforma l-oġġett tar-reat addebitat fit-tieni akkuża, taħt l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101[4] .

Għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tal-ħtija għar-reat fit-tieni imputazzjoni, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra ssib ħtija fl-imputata għar-reat tal-pussess tad-droga kokajina għaliex dan hu eskluż b'mod assolut mill-provi proċesswali.

Ikkunsidrat;

L-istess għandu jingħad għar-reat ta' misapproprjazzjoni. Kif rajna, l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha sija għar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u sija wkoll għar-reat ta' misapproprjazzjoni, żewġ reati li fil-ġurisprudenza assodata tal-qrati tagħna, huma inkompatibbbli u reċiprokalment esklussivi bir-riżultat li dwar l-istess fatti, ma tista' qatt tinstab ħtija kriminali konkorrenti, ċioe' għar-reat ta' frodi u fl-istess waqt ukoll għar-reat ta' misapproprjazzjoni. Dan qed jingħad għaliex mentri fir-reat ta' frodi l-qligħ ikun ġie perċepit mill-aġent tar-reat bl-użu ta' mezzi qarrieqa, fir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-oġġett akkwistat mir-reat għad illi jkun ġie fil-pussess tal-aġent tar-reat legalment taħt titolu li jgib mieghu l-obbligu li jsir uzu minnu specifikat, jiġi mdawwar illegalment mill-aġent tar-reat bi profitt għalih innifsu jew għal ħaddieħor.

---

[4] Ara rapport ta' Dr. Godwin Sammut – Dok. GS, 7 ta' Settembru 2021.

Dwar ir-reat ta’ misapproprjazzjoni taħt l-artikolu 292 u l-artikolu 294 tal-Kap. 9, ingħad:-

*“Illi, għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat “mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan.”*[5]

Dan l-element jikkozza intrinsikalment mal-element ewlieni fir-reat ta’ frodi li kif rajna, jikkonsisti fl-użu ta’ mezzi illegali, ossia l-ingann, biex jinkiseb il-ħaġa formanti l-oġġett tar-reat.

Kif ritenut f’sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali:-

“*Fi kliem ieħor, għalkemm it-truffa u l-appropjazzjoni indebita huma simili in kwantu jippenalizzaw dak il-komportament inġust tas-suġġett attiv tar-reat li jagħmel ‘lucro’ bi ħsara ta’ ħaddieħor, teżisti distinzjoni importanti bejn it-tnejn. Dak li jiddistingwi reat minn ieħor huwa l-mod ta’ kif l-aġent tar-reat ikun ġie fil-pussess tal-oġġett li permezz tiegħu ikun għamel gwadann qarrieqi. Fil-każ ta’ truffa l-oġġett li minnu jsir gwadann qarrieqi jkun ġie a sua volta ottjenut mill-aġent tar-reat b’ingann. Mill-banda l-oħra fil-każ tal-appropjazzjoni indebita, l-aġent tar-reat, għad li xorta waħda jkun opera xi forma ta’ qerq, ma jkunx ottjena b’ingann l-oġġett li minnu jkun għamel gwadann inġust.*” [6]

Issa fil-każ in diżamina, huwa evidenti minn eżami tal-provi u x-xhieda illi l-flejjes li ġew trasferiti mill-kumpannija għall-kontijiet personali tal-imputata u *Omissis*, qatt ma kienu ġew fdati lill-imputata biex tagħmel minnhom użu speċifiku għaliex kif jirriżulta mill-provi, l-imputata qatt ma ntalbet jew ingħatat struzzjonijiet biex tħallas

[5] 3 **Pulizija vs Joseph Muscat**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta’ Marzu 1997.
[6] Ara fir-rigward, **Il-Pulizija v. Giuseppe Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Lulju 2021.

dan il-flus lill-klienti tal-kumpannija; għall-kuntrarju, il-flus ġie fil-pussess tal-imputata meta b'ingann ħolqot transazzjonijiet tal-ħlas fittizzji u tathom xejra ta' veraċita' billi approvathom u talbet l-approvazzjoni addizzjonali tal-kollegi tagħha biex dawn jiġi eżegwiti. Għaldaqstant, l-oġġett li permezz tiegħu sar il-profitt indebitu ma għaddhiex leġittimament għand l-imputata għal użu speċifiku u għall-Qorti, dan ifisser li mill-fatti tal-każ, huma esklużi l-elementi tar-reat ta' misapproprjazzjoni u kwindi wkoll il-ħtija tal-imputata dwar dan ir-reat. Fil-fatt, ma jirriżultax mill-fatti ġuridiċi tal-każ illi kien hemm xi episodji oħra fejn kien hemm versamenti illegali ta' flejjes tal-kumpannija lill-imputata lil hinn mit-transazzjonijiet fittizzji li xehdu dwarhom Maria Micallef u Jean Vella (rapport Dok. MM1).

B'hekk din il-Qorti tqis li r-reat ta' truffa kontestat f'dan il-każ għandu jitqies bħala li huwa alternattiv għar-reat tal-approprijazzjoni indebita u mhux komplimentari għalih u dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ingħataw b'mod alternattiv ta' xulxin. Dan ifisser illi ġaladarba l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha għar-reat ta' truffa – reat li f'kull każ jirriżulta ppruvat mill-provi proċesswali – il-Qorti ma tistax legalment u raġonevolment issib ħtija wkoll għar-reat ta' appropjazzjoni indebita hekk kif ipotetizzat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 u l-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sitta addebitata lill-imputata.

Il-Qorti tosserva wkoll illi r-reat tal-assoċazzjoni, ir-reat tal-użu ħażin tal-kompjuter u r-reat taħt l-artikolu 121B tal-Kapitolu 9, liema reati flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, servew bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u konsegwentement, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li bla dubju huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 għaliex, bl-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, dan huwa punibbli bi priġunerija minn sentejn sa disa' snin.

Il-Qorti għandha mbagħad tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9[7] in kwantu għall-piena għar-reat taħt l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 kif stipolat fl-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-istess Kap. 101, li huwa punibbli wkoll b'multa, kif ukoll l-artikolu 17(d) tal-Kap. 9 in kwantu għall-piena għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 355L tal-Kap. 9. Billi l-imputata ġiet mixlija wkoll taħt l-artikolu 18 tal-Kap. 9, l-atti kollha li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi iżda magħmula b'riżoluzzjoni waħda, anke jekk magħmula fi żmien differenti, bħala reat kontinwat u għalhekk, l-atti kollha li jikkostitwixxu, anke separatament, (i) ir-reat taħt l-artikolu 121B tal-Kap. 9, (ii) ir-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, kif ukoll (iii) ir-reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 373 u (iv) ir-reat taħt l-artikolu 337Ċ tal-Kap. 9, sejrin jitqiesu bħala reat wieħed.

Applikat dan kollu għall-patteġġjament dwar il-piena milħuq formalment bir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-imputata tad-19 ta' Frar 2024, jirriżulta illi x-xorta u l-kwantita' tal-piena komplessiva maqbula bejniethom, tirrientra fil-parametri tal-piena kif kalibrata bl-applikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet magħmula qabel, għar-reati li dwarhom sejra tinstab ħtija. Konsegwentement, il-Qorti hija sodisfatta li l-piena komplessiva kif miftiehma tista' tiġi imposta leġittimament mas-sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom sejra tinstab ħtija u sejra għalhekk, meta tiġi biex tagħti s-sentenza, tapplika s-sentenza lilha indikata mill-partijiet, b'żieda wkoll u flimkien mas-sanzjonijiet l-oħra kollha imposti bil-liġi inkluż dawk is-sanzjonijiet kif regolati llum permezz tal-Att VI tal-2024, wara d-dħul fis-seħħ tal-Att fid-9 ta' Frar 2024.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-ordni tal-konfiska li għandha tingħata bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ta' Elena Gulia għar-reati taħt il-Kodiċi Kriminali, l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u l-Att kontra Money Laundering, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

[7] Dan jipprovdi: *"persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien;"*

Illi f'dan il-każ ġiet reġistrata ammissjoni mill-imputata fil-21 ta' Frar 2024, ċioe' biss ftit ġranet wara d-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 fid-9 ta' Frar 2024, l-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

Id-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024 jinsabu inkorporati fl-artikolu 32 tal-Att.

L-artikolu 32(2) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi:-

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, **ħlief kif provdut xort 'oħra f'dan l-artikolu**.* (enfasi tal-Qorti)

Issa, fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att VI tal-2024, hemm imsemmija espressament id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 17A u 17B tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, **l-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra Money Laundering**, tal-artikoli 18 u 19 tal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, u tal-artikoli 35, 36 u 41 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

Dan ifisser illi proċeduri kriminali, bħal dawk odjerni, li kienu diġa' pendenti meta daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, għandhom jibqgħu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet fuq imsemmija, kif kienu fis-seħħ **qabel** il-promulgazzjoni tal-Att VI tal-2024, fosthom għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra l-Money Laundering.

Madanakollu, għall-fini tal-ordni għal konfiska li għandha tingħata b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija f'dan il-każ odjern, is-subartikolu (5) tal-imsemmi artikolu 32 tal-Att VI tal-2024 jipprovdi illi:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att kontra Money Laundering u tal-artikolu 38 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kollha inklużi wkoll dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ħlief għal proċeduri kriminali li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ikunu mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza ...."*

Kif rajna diġa', il-proċeduri kriminali odjerni ma kienux imħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u għalhekk il-Qorti fehmet illi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat bl-Att VI tal-2024** li jirregola l-ordni għall-konfiska li għandha tingħata wara s-sejbien ta' ħtija għall-ksur tad-dispożizzonijiet tal-Kap. 373, l-Att kontra Money Laundering, għandhom japplikaw biex jiġu determinati l-assi soġġetti għall-konfiska. L-imsemmi artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat, jagħmel referenza għad-dispozizzjoniijet tal-artikoli 38 u 39 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' (Kap. 621) fir-rigward tad-determinazzjoni ta' dik il-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373[8].

Iżda fil-każ li għandha quddiemha llum, tosserva illi l-imputata ma ġietx mixlija biss bir-reat ta' money laundering taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 373, iżda wkoll b'diversi reati oħrajn taħt il-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Ordinanza dwar Mediċini

[8] Art. 3(5) tal-Kap. 373 ma ġiex milqut bl-emendi introdotti bl-Att VI tal-2024 u baqa' jipprovdi: "*... b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta'proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta.*"

Perikolużi (Kap. 101) u kif diġa' stabbilit, sejra tinstab ħatja taħt dawn il-liġijiet kollha.

Fil-fatt, l-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi ulterjorment:-

***Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli l-oħra kollha tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1)*** *jew fis-subartikolu (5) għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att.* (Enfasi tal-Qorti)

Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024, id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 23B, 23Ċ u 23D tal-Kap. 9 kif emendati bl-Att VI tal-2024**, **li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-istess Att**, għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att u kwindi wkoll għal dawn il-proċeduri odjerni. Fil-fatt, l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 huma msemmija speċifikatament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju għall-fini tal-konfiska konsegwenti għs-sejbien ta' ħtija għar-reati addebitati lill-imputata.

Dan huwa ftit jew wisq konfużjonarju għaliex il-konfiska tal-assi taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 373 li jirriferi għall-artikoli 38 u 39 tal-Kap. 621, kif emendati llum, u għall-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, hija regolata b'mod ferm differenti mill-konfiska taħt l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 u l-Att VI tal-2024 m'huwiex ċar dwar liema liġi li tirregola l-konfiska tal-assi in segwitu għal sejbien ta' ħtija ta' reat rilevanti, għandha tapplika meta tinstab ħtija dwar reati rilevanti li jemanu minn liġijiet differenti li m'humiex regolati uniformement mill-Att VI tal-2024. Fil-każ in diżamina, kif diġa' ngħad, l-imputata qed tinstab ħatja ta' reati li huma regolati b'mod differenti mid-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024 in kwantu għall-konfiska, fosthom ir-reat tal-ħasil tal-flus u jsibu applikazzjoni dispożizzjonijiet kontradittorji dwar il-

konfiska li għandha tiġi ordnata mill-Qorti b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija tar-reati rilevanti u r-reat ta' money laundering.

L-artikolu 23B(1) tal-Kap. 9 jipprovdi:-

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista'jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma'kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna* ***l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat*** *sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.*

Imbagħad, l-artikolu 23Ċ(2) tal-Kap. 9 jiddisponi:-

*(2) (a) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dawk il-paragrafi.*
*(b) il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' dawk il-flejjes jew proprjetà mobbli oħra u ta' dik il-proprjetà immobbli tal-persuna misjuba ħatja tar-reat relevanti li jkunu jikkostitwixxu r-rikavat minn dak ir-reat ukoll jekk il-proprjetà mobbli jew immobbli minn meta l-ħati jkun ġie imputat tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.*

Mill-banda l-oħra, taħt l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, **kull proprjetà** li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, **titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti**.

Madankollu, jibqa' dejjem il-prinċipju fondamentali illi f'każ fejn il-liġi li tkun fis-seħħ matul il-proċeduri tkun differenti mil-liġi li tkun fis-seħħ fid-data tad-determinazzjoni tal-proċeduri kriminali, il-Qorti dejjem trid tapplika dik il-liġi li hi l-aktar favorevoli għall-imputat, u hekk sejra tagħmel illum fil-konfront tal-ħatja li għandha quddiemha, liema liġi hija dik taħt l-artikolu 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

B'żieda ma' dan il-fatt illi l-artikolu 23A(3) tal-Kap. 9 kif emendat bl-artikolu 3 tal-Att VI tal-2024, issa jiddisponi hekk:-

"*Fejn dan l-artikolu u l-artikoli 23B, 23Ċ u 23D jipprovdu dwar il-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità b'mod li mhuwiex provdut fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità d-dispożizzjonijiet ta'* ***dan l-artikolu u tal-artikoli 23B, 23Ċ u 23D għandhom jiġu applikati qabel id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità****. Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw biss sussidjarjament skont l-artikolu 5(3) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.*"

Fuq kollox, il-fatt illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika **biss**, għall-fini tal-konfiska, l-artikolu 23A, 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u ma indika ebda dispożizzjoni ta' ebda liġi oħra dwar konfiska ta' proprjeta' tal-persuna misjuba ħatja, la dawk taħt il-Kap. 101 u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 373 jew il-Kap. 621. L-imsemmija artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 ġew emendati radikalment b'effett tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u kif rajna, din il-liġi kif hekk emendata hija applikabbli bis-saħħa tal-artikolu 32(6) tal-istess Att, għall-proċeduri odjerni u huma dawn l-artikoli, kif emendat bl-Att VI tal-2024, li ser jiġu applikati mill-Qorti għall-fini tal-Ordni għall-Konfiska.

Mill-atti u l-provi proċesswali huwa stabbilit b'mod mhux kontestat, illi r-rikavat mir-reati kommessi mill-imputata, jammonta għas-somma komplessiva ta' mitejn u sitt elef, tmien mija u wieħed u sebgħin Euro (€206,871) u l-Qorti sejra tordna l-konfiska tar-rikavat f'dan l-imsemmi ammont.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat addebitat fit-tmien imputazzjoni taħt l-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sitta dwar ir-reat taħt l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 23B, 23C, 31, 48A, 121B, 308, 310(1)(a), 337Ċ, 337F u 355AL tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 8(d) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikoli 2(1)(i)(ii)(iii)(iv)(v)(vi), 2(2), 2, 3(1), 3(2A)(a)(ii) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta), fuq ammissjoni ssib lil ELENA GULIA, illum GAUCI, ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha addebitati lilha, u tikkundannaha sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħatja tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien erba' (4) snin.**

**Din is-sentenza li qed tingħata, qiegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-artikolu 392A(5)(7) tal-Kodiċi Kriminali.**

**Ai termini tal-artikolu 23B(1) u l-artikolu 23Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-imsemmi ammont ta' mitejn u sitt elef, tmien mija u wieħed u sebgħin Euro (€206,871.00) rappreżentanti r-rikavat li ġej mir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-imsemmi valur tar-rikavat, ukoll jekk il-proprjetà mobbli jew immobbli minn meta l-ħatja ġiet imputata tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi jekk ir-rikavat li jkun ġej mir-reati, kif stabbilit, ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali**

**rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-ħatja għandha teħel multa ta' mitejn u sitt elef u tmien mija u wieħed u sebgħin Euro (€206,871).**

**Din il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u din is-sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Ai termini tal-artikolu 23D(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-ħatja.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta), tordna lill-ħatja, ELENA GULIA illum GAUCI, tħallas lil Tipico Limited is-somma ta' mitejn u sitt elef Euro, tmien mija u wieħed u sebgħin Euro u erba' ċenteżmi (€206,871.04) rappreżentanti l-kumpens għad-danni u telf soffert mill-istess parti offiża bħala konsegwenza tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħatja, u dan fi żmien sena. Din l-Ordni għall-ħlas hija enforzabbli bil-mod imfisser fl-artikolu 24(3) tal-Kapitolu 446.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' tmien mija u ħamsa u sebgħin Euro u tletin ċenteżmu (€875.30) rappreżentanti nofs l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri[9], pju' s-somma ta' mija u tlettax-il Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€113.24) rappreżentanti l-ispejjeż kollha mħallsin lill-espert[10] maħtur għat-traskrizzjoni tal-istqarrijiet awdjo-**

---

[9] Keith Cutajar – Dok. C, €1089.71 (paġna 1379 tal-atti); Keith Cutajar – Dok. KCX, €457.29 (paġna 1857 tal-atti) u Dr. Godwin Sammut – Dok. GS, €203.60 (paġna 1384 tal-atti).

[10] Dr. Martha Travers Trauss.

**viżivi tal-ħatja Dok. MTT[11] u Dok. MTT1[12], ċioe' is-somma globali ta' disa' mija u tmienja u tmenin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€988.54).**

**Il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tordna għall-fini tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konfiska favur il-Gvern tad-droga *cannabis resin* (esebit K/B/122/2021) u d-distruzzjoni tal-istess esebit, liema ordni madanakollu għandha tiġi eżegwita biss wara li l-proċeduri fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Corrado Denaro ikunu *res judicata*.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28(A)(8) u l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi għall-finijiet tal-artikolu 23D tal-istess Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[11] Ara paġna 2091 tal-atti tal-kawża. Is-somma ta' €62.35.
[12] Is-somma ta' €50.89.